MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 262/2002/1

**Anthony sive Antoine Vassallo f'ismu**
**u ghad-ditta Antoine Auto Dealer**

**Vs**

**Alexander Galea**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur fil-kwalitajiet tieghu premessi talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' elfejn u tmienja u ghoxrin lira u sitta u ghoxrin centezmi (Lm2028.26) rapprezentanti sitta u ghoxrin (26) kambjalijiet mahruga mill-konvenut u pagabbli lilu u li mmaturaw fl-1 ta' kull xahar bejn Novembru 1999 u Dicembru 2001 bl-imghaxijiet relattivi mid-data ta' l-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet relattivi sa’ l-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 12 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi fil-konfront tal-eccipjent id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih stante illi l-ammont indikat bhala dovut fl-imsemmija kambjali mhux dovut mill-eccipjent izda minn certu Charles Bianco kif ghandu jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u li ghal din ir-raguni ghandu jigi msejjah fil-kawza.
2. Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-nota tal-osservazzjonijiet tal-atti a fol 76 et seq ibid kif ukoll id-digriet a fol 87 u fol 92 li bih giet michuda it-talba ghal kjamata fil-kawza ta’ Carmelo sive Charles Bianco.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-attur ipproduca bhala xhud lil <u>Mariolina Schembri</u> (fol 23 et seq ibid) u din xehdet dwar, u esebiet il-kambjalijiet involuti, b’kollox sitta u ghoxrin (26), kollha kemm huma skaduti u ffirmati mill-konvenut. L-istess xhud semmiet illi l-istess kambjalijeit kienu gew girati (‘discounting of bills’) favor il-‘Bank of Valletta plc’ izda ritornati lura lill-attur (ara fol 27 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-intimat</u> (fol 31 et seq ibid) beda billi qal illi, bl-intervent ta’ Carmelo sive Charles Bianco, hu kien xtara karozza tal-marka ‘Ford Fiesta diesel’ minghand l-attur bil-prezz ta’ Lm3,000 u ghal dan il-ghan kien effettivament ffirma kambjalijiet favur l-attur. Skond ix-xhud, pero’, l-karozza mixtrija minnu bidet tissaddad u ghalhekk kien mar, mhux ghand l-attur izda ghand Carmelo Bianco u inlahaq ftehim ma l-istess Bianco fis-sens illi, skond dejjem l-konvenut, hu kien ta’ lil dan il-karozza in kwistjoni u Carmelo Bianco kellu jaghtih karozza ta’ marka ohra waqt li l-kambjalijiet in

esami kellhom jithallsu mill-istess Bianco. Inoltre l-konvenut kien ffirma kambjaljiet ohra, favur Bianco ‘fuq id-differenza’. Sussegwentement l-attur kien ilmenta mieghu illi hu ma kienx hallas l-kambjalijiet skaduti u wara li l-konvenut kien informa lil Bianco dwar dan, l-istess Bianco kien iddeposita is-somma ta’ Lm400 precizament Lm450 u dan … fil-kont tal-kambjalijiet rilaxxjati minnu favur Antoine Vassallo’ (ara d-‘deposit slip’ a fol 40 u fol 56 ibid). Eventwalment pero’, skond dejjem il-konvenut, kien cempillu l-attur u nformah li l-kambjalijiet ma kienux qeghdin jigu onorati mal-iskadenza taghhom u meta tkellem ma’ Bianco, dan cahad li kien hemm xi ftehim bejniethom. Difatti dwar l-istess ftehim bejniethom ma kien hemm l-ebda skrittura avolja, qabel, fix-xhieda tieghu kien semma illi kien ta’ lill-istess Bianco, karozza ohra stmata Lm800. Minhabba hekk, hu kien mar ghand l-attur, akkompanjat minn nannuh <u>George Azzopardi</u>, (ara fol 36 et seq ibid) u l-attur kien qallu li kien ser jfittex lil Bianco izda minflok kienet saret din il-kawza. L-istess nannu esebixxa kopja ta’ <u>ittra</u> (fol 39 ibid) mibghuta mill-attur lill-Bank involut u li biha l-istess attur kien qed jitlob lill-istess Bank ‘… to press Mr Bianco (to) settle any outstanding liabilites in the name of Alexander Galea in connection with vehicle no KAS 515’ (il-karozza tal-marka ‘Ford Fiesta’).

L-imsemmi Carmelo Bianco (fol 68 et seq ibid) kkonferma li l-konvenut kien xtara ‘… minghandi’ karozza tal-marka ‘Ford Fiesta’ izda l-kambjalijiet kienu nhargu falur l-attur odjern. Sussegwentement il-konvenut kien xtara vettura ohra tal-marka Ford Escort minghand ix-xhud u f’dan il-kaz il-kambjalijiet inhargu mill-konvenut favur ix-xhud li cahad li kien hemm involut xi forma ta’ tpartit bejn il-‘Ford Escort u l-‘Ford Fiesta’. Inoltre hu cahad ukoll illi kien hemm xi ftehim bejnu w il-konvenut fis-sens li hu kellu ‘… nhallas il-kambjalijiet mahrugin fuq Antoine Vassallo’. Inoltre hu kkonferma illi l-konvenut kien gab ghandu s-somma ta’ Lm450 u ‘… ddepositajhom il-Bank in konnessjoni mal-Ford Fiesta’ f’kont bankarju li n-numru tieghu kien inghata lilu mill-konvenut’. Dwar l-ittra msemmija, esebita a fol 39 ibid, l-istess Bank qatt ma kien beda xi proceduri kontra x-xhud. Illi gie prodott mill-

konvenut, rappresentant tal-Bank involut (fol 49 u fol 61A et seq ibid) xehed dwar 'loan account' f'isem il-konvenut aventi numru 38300581013 miftuh in konnessjoni ma' 'discounting' ta' kambjalijiet. Ix-xhud esebixxa l-'statement' relattiv ghal dan il-kont li nfetah fil-31 ta' Dicembru 1997 u nghalaq b'pagament fil-31 ta' Marzu 2001 '… b'pagament'. Pero ix-xhud ma setax jghid ghall-liema karozza partikolari kien jirreferi dan il-kont u lanqas seta' jindika minn kien qed jiddeposita dawn il-flus inklus l-ammont ta' Lm450 gja msemmi. Sussegwentement wara li ghamel il-verifiki rikjesti, hu seta jikkonferma illi dan id-depositu kien sar minn Carmelo Bianco (ara dejjem l-istess 'deposit slip' hemm fuq msemmija. Sussegwentement ix-xhud spjega li fuq isem l-istess konvenut kien hemm zewg kontijiet ohrajn li jirreferi ghal 'discounting of bills '(ara fol 62 sa fol 67 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, fil-qasir, il-konvenut qed jsostni b'referenza ghall-kambjaljiet in esami, illi Carmelo Bianco kien accetta bi ftehim mal-konvenut, illi l-istess kambjalijiet kellhom jithallsu mill-istess Carmelo Bianco wara li l-konvenut kien ta' lura l-istess vettura tal-marka 'Ford Fiesta' lil Carmelo Bianco.

Illi in konnessjoni mal-azzjoni in esami hu ben saput u pacifiku illi l-hrug ta' kambjala tikkrea obbligazzjoni 'ad hoc' u ghal kollox indipendenti u awtonoma minn kwalunkwe obbligazzjoni li setghet ipprecedietha.

Illi inoltre mill-lat legali, f'kaz ta' azzjoni kambjarja huma ammissibbli biss eccezzjonijiet dawk, f'kaz li huma personali ghall-possessur tal-kambjala (f'dan il-kaz l-attur), li ma jdewmux l-hlas taghha u f'kaz li dawn l-eccezzjonijiet jirrikjedu indagni prolungata u fit-tul, l-esami taghhom ghandu jsir l-kawza ghaliha. S'intendi jkunu ammessi eccezzjonijiet dwar il-validita fil-forma tal-istess kambjala 'in the face of it' jew dwar in-nuqqas ta' xi wahda mill-elementi essenzjali jew dwar il-pagament jew dwar xi fatt li avvera ruhu wara d-data tal-hrug tal-kambjala. Dan premess, jidher li l-eccezzjonijiet in esami jistghu

jinkwadraw ruhhom taht dak li ghadu kemm inghad fl-ahharnett.

Ikkunsidrat

Illi, pero', din il-Qorti ma tistax ma tghidx, li l-ftehim li allegatmaent sar bejn il-konvenut u Carmelo Bianco, kien wiehed 'inter alios acta' u bl-ebda mod ma irrisulta, b'mod car, li kien sar b'xi forma ta' kunsens da parti tal-konvenut, izda jidher biss li kien ftehm jekk sar unikament bejn il-konvenut u l-istess terza persuna.

Ikkunsidrat

Illi, konsegwentement, l-eccezzjonijiet sottomessi mill-konvenut ma jistghux jigu akkolti u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi akkolta, s'intendi minghajr ebda pregudizzjoni ghad-dritt tal-konvenut li jistitwixxi azzjoni separata kontra it-terza persuna msemmija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur fil-kwalita tieghu premessa s-somma ta' Lm2,028.26 ossija €4724.57 bl-imghaxijiet legali mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala (ara l-annessi Dok AG1 sa Dok AG 26 a fol 25 tal-istess atti) sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta' din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------